# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni Numru 2544

Każ Nru: 3298/ ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Roxanne Delmar

u

George u Marlene konjugi Grech,
Eżerċenti l-kummerċ bħala Grefed Worldwide Trading

Illum: 19 ta' Lulju, 2018

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*.

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.

**Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors mill-avukat Aron Mifsud Bonnici fit-30 ta' Settembru, 2014, f'isem ir-rikorrenti.

Dan il-każ beda taħt ic-Chairman Dr. Leslie Cuschieri fil-25 ta' Novembru, 2014 u li għadda għand ic-Chairman Edmund Tabone bażikament fl-istat tat-trattazzjoni finali fit-22 ta' Frar, 2018.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ ir-rikorrenti spjegat li kienet taħdem ma' Estetika Services Ltd sal-15 ta' Jannar 2014 iżda ntgħażlet biex taħdem mal-intimati mill-15 ta' Jannar 2014 bħala '*Front of House/ Reception Sales Assistant*' għal perjodu indefinit skont DOK RD1 fejn anke ġie miftiehem li ma kellux ikun hemm żmien ta' prova. Ir-rikorrenti rrivelat li matul ix-xhur li kienet impjegata l-intimati kienu jistmawha b'mod ħażin u ngħatat *warnings* biss biex iwasslu għat-tkeċċija.

Ir-rikorrenti rċeviet ittra DOK RD2 mhux datata fejn ġiet infurmata li qed tiġi sospiża b'mod indefinit u meta daħlet għax-xogħol fit-2 ta' Ġunju, 2014 ġiet infurmata li l-impjieg ġie tterminat, DOK RD3.

Ir-rikorrenti sostniet li dejjem għamlet xogħolha sew u li ma kellhiex titkeċċa u li t-tkeċċija ma kinitx valida skont il-liġi. Illi r-rikorrent qed titlob lit-Tribunal li t-terminazzjoni kienet waħda inġusta u għaldaqstant qed titlob il-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ l-intimata sostniet kif ġej:

Dan mhux każ ta' tkeċċija inġusta u dan għaliex l-intimati kellhom raġunijiet tajbin u biżżejjed sabiex jitterminaw l-impjieg tar-rikorrenti.

Illi l-fatti huma s-segwenti:

Il-kuntratt li bih ir-rikorrenti ntrabtet li tagħti s-servizzi tagħha lill-intimati kien wieħed indefinit.

Ir-rikorrenti bdiet l-impjieg tagħha mal-intimati fil-15 ta' Jannar, 2014 u t-temm tal-impjieg tagħha seħħ fil-31 ta' Mejju, 2014. Ir-rikorrenti kienet impjegata bħala *front of house* fl-istabilliment f'ħanut fil-lokalita' tas-Sliema li jbiegħ diversi prodotti li jinkludu ikel u prodotti tas-sbuħija, iżda kienet ukoll esprimiet ix-xewqa tagħha sabiex hi jkollha l-opportunita' li tidħol fir-rwol bħala *manager.* Ix-xogħol li sippost kellha tagħmel kien jinvolvi mhux biss doveri amministrattivi ġenerali u responsabbiltajiet ta' *front of house,* iżda kellha wkoll twettaq trattamenti ta' sbuħija kif ukoll timmaniġġja l-appuntamenti tal-klijenti hi stess u żżomm *database* tal-klijenti u tieħu ħsiebu hi stess. Minbarra hekk hi kienet ukoll responsabbli biex tippromwovi l-prodotti u s-servizzi li kienu qegħdin jiġu offruti fl-istabilliment kif ukoll tissorvelja l-indafa tal-istabbilment.

Ftit wara l-impjieg tar-rikorrenti mal-intimata bdew jinqalgħu l-problemi. Ir-rikorrenti u l-intimati kienu jikkomunikaw l-aktar permezz tal-*e-mails*. Kien għadda biss xahar meta r-rikorrenti ma bdietx tagħti l-informazzjoni korretta u/jew kollha kif suppost fl-*e-mails.* Minbarra dan bdiet tikteb b'mod fejn bdiet turi nuqqas ta' rispett u nuqqas ta' prudenza kif wieħed għandu jikkomunika mal-prinċipal tiegħu.

Diffikulta oħra li kienu rinfaċċati biha l-intimati, hi li peress li l-maġġoranza tal-prodotti fil-ħanut kienu dawk tal-ikel wieħed kellu joqgħod b'seba' għajnejn minħabba d-dati tal-iskadenza tal-prodotti. Wieħed mill-obbligi tar-rikorrenti kien li hi kellha tneħħi dawk il-prodotti li kienu ħa jiskadu u tinforma lill-intimata Marlene Grech dwarhom sabiex tkun tista' tibgħathom lura lill-kumpaniji rispettivi. Iżda r-rikorrenti kienet qed tinforma lill-intimati u tħalli l-prodotti fuq l-ixkafef meta kienu jkunu diġa' skaduti. Din it-tip ta' negliġenza kienet tirriżulta f'ħafna spejjeż għalxejn lill-intimati u prodotti mitlufa.

Barra minn hekk, l-intimati kienu nfurmaw lir-rikorrenti speċifikament li meta konsenja ta' prodotti kienet tasal il-ħanut hi kellha tinfurmahom mill-ewwel jew billi tibgħat messaġġ minn fuq il-mowbajl jew billi ċċempel lil Marlene Grech.

Problema kbira oħra li l-intimati kellhom isofru kienet l-attitudni tar-rikorrenti speċjalment meta kienet tiġi infurmata fuq xi ħaġa li ma kinitx għamlet kif suppost u sabiex ikollha l-opportunita' tirranġaha u tirregola ruħha. Wara li l-intimati kienu wissewha kemm-il darba

verbalment kif ukoll bil-miktub ir-rikorrenti kienet tirrispondi b'mod arroganti u ma kinitx taċċetta t-twissijiet.

Xi ġranet qabel nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju, 2014, ir-rikorrenti staqsiet verbalment lill-intimat George Grech li dakinhar kellha bżonn titlaq kmieni u cioe fit-tlieta minflok fil-ħamsa. Hu qalilha li jekk ikun jista' jirranġalha kien ser jinfurmaha. Minn dakinhar ma sar xejn aktar – anzi fit-22 ta' Mejju 2014 ir-rikorrenti kienet bagħtet *e-mail* sabiex issaqsi għal-*leave* u qatt ma semgħet jew saqsiet dwar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2014.

Dakinhar tat-30 ta' Mejju, 2014 stess ftit qabel it-tlieta r-rikorrenti ċemplet lill-intimat George Grech fuq il-mowbajl biex tgħidlu li kienet ser titlaq mill-post tax-xogħol. Ta' min jirrileva illi r-rikorrenti kienet taħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa għal medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u kien hemm ukoll il-possibbilta' li taħdem nhar ta' Sibt ukoll jekk ikun hemm bżonn u l-ħinijiet normali tax-xogħol tagħha kienu mid-disgħa ta' filgħodu sal-ħamsa ta' filgħaxija.

Dakinhar tat-telefonata l-intimat kien qiegħed Għawdex fuq xogħol u pprova jispjega lir-rikorrenti li hi sippost kellha tagħmel sal-ħamsa bħalma kienet tagħmel is-soltu iżda hu nfurmaha li kien lest li jagħmel li seta' sabiex isib lil xi ħadd jidħol minflokha. Minkejja dan qalilha li jekk jibqa' ma jkun jista' jsib lil ħadd sabiex jidħol minflokha hi kellha tibqa' fl-istabilliment sal-ħin li suppost hi kellha tagħmel.

Minkejja l-attentati tal-intimat sabiex jakkomoda lir-rikorrenti, din tal-aħħar issupervjat u baqgħet tippersisti li hi ma riditx tibqa' fl-istabilliment u li kienet se taqbad u titlaq tant u hekk li l-intimat ġie mhedded mir-rikorrenti li kienet se ġġib lil missierha u li dan kien se jagħmel għalih. Dan minkejja li l-intimat infurmaha li s-*salesperson* ta' warajha li suppost kienet se tidħol dakinhar fil-ħamsa, kif kienet dejjem tagħmel, kienet se tipprova tidħol fl-erbgħa sabiex ir-rikorrenti tkun tista' titlaq kif xtaqet.

Nonostante dan, ir-rikorrenti ma riditx tibqa' u qabdet u telqet. L-istabilliment baqa' waħdu – miftuħ – għal kważi siegħa. L-għada, ir-rikorrenti ġiet infurmata li l-impjieg tagħha ġie tterminat.

Minkejja l-attentati tal-intimati sabiex jippruvaw jagħtu r-rikorrenti l-opportunitajiet sabiex tbiddel l-attitudni tagħha u biex turi serjeta' lejn xogħolha, ir-rikorrenti baqgħet persistenti fl-imġiba ħażina tagħha anki wara li kienet mgħarrfa bil-fatt li jekk kompliet sejra kif kienet ma setgħetx tkompli taħdem mal-intimati. Hi naqqset milli twettaq ix-xogħol tagħha kif sippost kif ukoll qatt ma kienet tipprova tippromwovi l-prodotti fil-ħanut u dan kollu għad-detriment tan-negozju tal-intimati. Kienu dawn ir-raġunijiet u l-inċidenti li wasslu għat-tkeċċija tagħha wara l-inċident gravi u serju tat-30 ta' Mejju 2014.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-intimati George u Marlene konjugi Grech, eżerċenti l-kummerċ bħala Grefed Worldwide Trading, jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvediment ieħor illi jidhirlu xieraq, jiċħad bħala infondati, fil-fatt u fid-dritt, it-talbiet kollha tar-rikorrenti Roxanne Delmar kif indikati fir-rikors tagħha.

**Provi**

F'dawn il-proċeduri xehdu: is-Sur George Grech – intimat, Ms Tricia Farrow – sostituta tar-rikorrenti fuq ix-xogħol, Ms Marlene Grech – intimata, Ms Audrey Schembri – *Beauty Therapist* u r-rikorrenti. Ġew esebiti diversi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet u deċiżjoni**

Dan it-Tribunal għandu biex jikkunsidra każ f'post tax-xogħol żgħir, immexxi mill-intimati konjugi u fejn ir-rikorrenti kienet bażikament l-unika impjegata *full-time* flimkien ma' xi *part-timers* oħra.

Ir-rikorrenti ngħatat kuntratt indefinit mal-intimati dovut għal *transfer of business* fil-15 ta' Jannar 2014 u ġiet itterminata fil-31 ta' Mejju 2014. Ma kellhiex *probation* u ġiet itterminata fuq raġunijiet ta' dixxiplina.

Ir-rikorrenti kienet tmexxi l-branka ta' Dingli Street, Sliema prattikament waħedha u allura kellha ċertu responsabbiltajiet anke, fiċ-ċirkostanzi, ftit maniġerjali. Mill-provi xogħolha kienet tafu. Kien jidher li kellha esperjenza. Deher ukoll li r-rikorrenti ma kinitx taħsibha darbtejn biex tkun skjetta fi kliemha u kif tikkorrispondi bil-kitba mal-intimati.

Min-naħa tal-intimati dawn naqsu mil-lant ta' komunikazzjoni ideali mar-rikorrenti: komunikazzjoni kważi bl-*e-mails* u bit-telefown biss mhux ideali. In-nuqqas ta' riżorsi dehru ċar u anke t-Tribunal jinnota imma, mhux b'ċertezza, jekk l-intimati kienux jimxu sew mal-obbligi ta' *leave* u *sick leave,* fost oħrajn.

Rigward dawk li ssejħu *warnings,* jidher li kien hemm problema ta' relazzjoni ta' xogħol bejn l-intimati u r-rikorrenti. Iżda kif intqal qabel, bl-*e-mails* biss ma tasalx fejn ikun hemm problemi fuq ix-xogħol.

Il-ħinijiet tar-rikorrenti huma mid-9:00am sal-17:00. Ġieli kienet tkun mitluba toqgħod sas-19:00 u allura wara ftehim mal-intimati ġieli kienet taħdem sat-15:00.

It-Tribunal innota li mhux dejjem ikun hemm *replacement* meta r-rikorrenti tkun sat-15:00. Meta jiġri hekk kien jingħalaq il-bieb u jitpoġġa avviż biex il-klijenti iħabbtu u tiftħilhom impjegata oħra tal-Estetika. Jidher li dan l-arranġament kien isir spiss nhar ta' Tlieta.

Il-każ relevanti ġara fil-ġurnata tal-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2014. Fix-xhieda tagħha r-rikorrenti qalet li kellha appuntament personali fl-15:45 li kien fil-ġurnata tal-Erbgħa iżda ċemplitilha l-intimata biex toqgħod sas-19:00. Ir-rikorrent irnexxielha tmexxi l-appuntament għall-Ġimgħa u allura l-Ġimgħa riedet titlaq fit-15:00 u avżat lill-intimata li mir-rata tagħha kkonfermat li kellha taħdem sat-15:00. Issa fix-xhieda tagħha l-intimata Mrs Grech ċaħdet kollox.

Dakinhar saru t-15:30 u ma tfaċċa ħadd. Kellha *tirreplacejaha* Tricia Farrow. Ċemplitilha u qaltilha li ma taf b'xejn. Ir-rikorrenti ċemplet lil intimat George Grech u qaltlu li se titlaq u tagħlaq il-bieb kif isir normali nhar ta' Tlieta għax l-appuntament kien importanti u kienet diġa' mexxietu mill-Erbgħa biex taqdi lill-intimati.

Is-Sur Grech beda jgħajjat mar-rikorrenti waqt it-telefonata tant li beżgħet tmur xogħol it-Tnejn. Meta t-Tnejn marret, l-intimati talbuha ċ-ċavetta, ħallsuha u temmew l-impjieg tar-rikorrenti.

Is-Sur Grech fix-xhieda tiegħu kien konfuż jekk ir-rikorrenti kinitx imwiegħdha *replacement* għal dakinhar tal-Ġimgħa: is-Sur Grech qal li fit-telefonata tal-Ġimgħa r-rikorrent kienet arroganti u ma kko-operat xejn u anke hedditu b'missierha. Ms. Tricia Farrow ukoll kienet konfuża fix-xhieda u ma kienet xejn ċara jekk kinitx infurmata minn qabel jew li ċempillha l-intimat, is-Sur Grech, ftit minuti qabel fl-16:00 tal-Ġimgħa biex tmur flok ir-rikorrenti.

## <u>Deċiżjoni</u>

Dan każ f'post tax-xogħol żgħir immexxi mill-intimati konjugi u fejn ir-rikorrenti kienet bażikament l-unika impjegata *full-time* flimkien ma' xi *part-timers.*

Kien hemm nuqqasijiet miż-żewġ naħat partikolarment ta' komunikazzjoni, proċeduri u oħrajn min-naħa tal-intimati. Filwaqt, ir-rikorrenti kienet diversi drabi tkun arroganti kif tikkomunika mas-superjuri tagħha u dan wara biss ftit xhur li bdiet taħdem mal-intimati.

Huwa ċar li kien hemm problema ta' relazzjoni ta' xogħol bejn il-partijiet. L-*e-mails* huma importanti imma ma tasalx bihom biss meta jkun hemm dawn it-tip ta' problemi.

Il-każ li wassal għat-terminazzjoni wera eżatt id-dgħufija tas-sitwazzjoni in-ġenerali: komunikazzjoni, relazzjoni negattiva ta' xogħol bejn il-partijiet, diżorganizzazzjoni u żgur lanqas idea ta' *teamwork*.

It-Tribunal iżda qed jiddeċiedi li d-deċiżjoni ta' tkeċċija kienet estrema u mgħaġġla. Setgħu ttieħdu provvedimenti oħra inqas estremi.

Dakinhar tal-inċident kien hemm konfużjoni sħiħa min-naħa tal-intimati rigward jekk kienx hemm ftehim ta' *replacement*. Ix-xhieda ta' Ms. Farrow ma kienet konvinċenti xejn.

It-Tribunal b'importanza jinnota li meta r-rikorrent telqet għall-appuntament hi għamlet kif kien isir nhar ta' Tlieta. Jingħalaq il-bieb u jitpoġġa avviż. Ma nistgħux naqbdu u nkeċċu hekk!

Għaldaqstant meħuda ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet waħda inġusta u li hemm lok ta' kumpens għar-rikorrenti.

Il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-isfond taċ-ċirkustanzi fit-totalita tagħhom u għaldaqstant fl-ammont ta' €3,000, liema kumpens għandu jitħallas mill-intimati lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
CHAIRMAN

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja